MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Numru 966/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs.**

**MARVIC MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Marvic Micallef, ta’ 34 sena, bin Emmanuel u Josephine nee’ Briffa, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Dicembru 1974, u li joqghod f’142, Valley Road, Msida. Detentur tal- Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 31175M.

Billi huwa akkuzat:

1. talli fl-20 ta’ Awwissu 2009, f’dawn il-Gzejjer b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ *Reuben’s Bottle Shop* ta’ Triq il-Burdnara, Qormi:

2. talli fl-24 ta’ Awissu 2009, f’dawn il-Gzejjer b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) gahd-detriment ta’ Joseph Ellul Sullivan f’isem il-kumpanija *Aquatess Marketing Limited* u/jew Alfred Mallia;

3. talli fl-20 ta’ Awissu, 2009 ghal habta ta’ l-10:00 ta’ fil-ghodu, waqt li kien qieghed jiknes it-triq ta’ quddiem il-hanut tieghu *Sphinx Pastizzerija* fi Triq Dun Karm, Imsida, sab cekk bin-numru 222 mill-kont bankarju ta’ *K & L Attard Company LTD.* Bin-numru 22 024 40015657903, iffirmat minn Keith Attard u jammonta ghal elfejn Euro (€2,000), li kien naqas lil xi persuna jew kien intilef u li huwa ma gharrafx bih, fi zmien tlitt ijiem, lill-Pulizija Ezekuttiva.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien

sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 308, 309, 310 u 340 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Marvic Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Marvic Micallef ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Marvic Micallef jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Marvic Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikoli 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------